**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 401/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Concetta Grech**

**Illum, 27 ta' Frar 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Concetta Grech** detentriċi tal-karta tal-identita Maltija **146362M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Illi hija giet akkużata illi il-11 ta' Lulju 2023, f'dawn il-gżejjer, hija eżerċitat dritt li ppretendiet li kellha mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel jsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li pretendiet li kellha, ġiegħlet bl-awtorita' tagħha nnifisha lil Joseph Grech iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni kienet jew li fixklet lill-istess Joseph Grech fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew li ndaħlet fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor. **Art. 85(1) Kap. 9.**

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-13 ta' Novembru 2023, fejn sabet lill Concetta Grech ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotta kontriha u illiberata bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor

fi żmien xahar mill-llum. Il-Qorti ordnat ukoll li l-katnazz għandu jitneħħa mill-bieb intern fi żmien tlett ijiem (3). Il-Qorti spjegat lill-imputata l-import u l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Concetta Grech, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fil 21 ta' Novembru 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kif presjeduta mill-Maġistrati Dr. Nadine Lia fit-13 ta' Novembru tas-sena kurrenti, fl-intier tagħha.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-appellanta ħasset ruħha aggravata minn tali deċiżjoni qiegħda tinterponi dan l-umli appell u għalhekk minnha.

a. Illi l-prezenza tal-allegat katnazz ma ġiex konstatata fl-Ewwel Qorti fil-grad rikjest mil-Liġi, u wisq inqas ġie konfermat illi l-preżenza o meno ta' tali katnazz huwa imputabbli lill-appellanta.

b. Illi di più, li kieku l-prezenza tal-allegat katnazz gie hekk pruvat, u li tali prezenza kienet imputabbli lill-appellanta, xorta wahda hija ma setghetx tigi misjuba hatja ghal reat illi ma kienx imsemmi u/jew imnizzel fl-akkuza. Illi fil-konsiderazzjonijiet maghmula fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicholas Farrugia** fis-16 ta' Mejju tas-sena kurrenti, il-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Onor Imħallef Aaron Bugeja stqarret illi "*Il-Qorti tal- Magistrati (Malta), kemm fl-ezerċizzju taghha li taghrbel u tevalwa l-provi, kif ukoll li tiddeciedi dwar l-eventwali akkuzi, trid izzomm strettament ma' dak ordnat mill-Avukat Generali fin-nota maghmula ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali. Bhala regola, ma tistax issib imputat hati fuq imputazzjonijiet li ma jkunux inkluzi f'dak l-att akkuzatorju*."

C. Illi huwa inġust mil-lenti tal-Ligi naturali illi l-appellanta tiġi mogħtija sentenza sospiza għal xahar meta l-Ewwel Qorti għamlitha ċara mal-partijiet seduta stante illi jekk kienet ser tibqà tirċievi rapporti tat-tip tal-appell odjern, hija kienet ser tiddikjarahom frivoli u vessatorji.

d. Illi s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellanta hija għalhekk waħda sproporzjonata fiċ-ċirkostanzi u fil-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, u illi ma tirriflettix l-akkużi kif dedotti kontra l-istess.

Rat in-nota ta' referenza preżentata mill-Avukat Ġenerali fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Jannar, 2021.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-13 ta' Frar 2024.

**Ikkunsidrat,**

Illi minn eżami tal-aggravji sollevati mill-appellant jidher li in prinċipju l-appellant qed jistqarrr li l-ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament korrett tal-fatti kif prodotti u dan għaliex u dan għaliex isostni li l-prezenza tal-allegat katnazz ma ġiex konstatat fl-Ewwel Qorti fil-grad rikjest mil-Liġi, u wisq inqas ġie konfermat illi l-preżenza o meno ta' tali katnazz huwa imputabbli lill-appellanta. Oltre dan isostni li l-ewwel Qorti qatt ma setgħet issib lill-appellant ħati ta' dan il-fatt meta l-akkużat dwar raggion fattasi kienet fuq kwistjoni oħra u mhux fuq katnazz kif iddeċidiet l-ewwel Qorti.

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-

konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kienitx ragonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;
**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u sa fejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti ta' Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mall-konklużjonijiet tas-

sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Jekk mill-banda 'l oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[1]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: IlPulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mall-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda 'l oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[2]

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali

[2] Ibid supra

bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għall-konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Din il-Qorti għalhekk eżaminat bir-reqqa il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

**PC 180 M. Caruana** xehed permezz ta' affidavit preżentat f'dawn l-atti a fol. 4 tal-process. Jgħid li nhar l-1 ta' Lulju, 2023 għall-ħabta tas-13.20 p.m daħal ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Fgura ċertu Joseph Grech sabiex jagħmel rapport. Stqarr li dak iż-żmien huwa u l-ex mara tiegħu ċerta Concetta Grech kienu qegħdin f'kawża ta'

separazzjoni bil-Qorti. Joseph stqarr li nhar il-11 ta' Lulju, 2023 għall-ħabta tat-08.00 a.m inqata' d-dawl tar-residenza ta' fejn jirrisjedi cioe Solitaire, Triq San Xmun, Fgura u reġa mar lura fl-istess jum għall-ħabta tal-11.00. Joseph beda jiċċekkja d-dawl u l-plakkek u meta ħabbat mal-bieb tal-kamra ta' Concetta Grech sabiex jidħol jiċċekja l-plakkek din qaltlu '*ma tidholx hawn*. Joseph stqarr mal-pulizija li jixtieq li ijittieħdu passi kriminali fil-konfront ta' Concetta Grech u b'hekk saret kwerela li ġiet annessa mar-rapport. Nhar it-12 ta' Lulju, 2023 irraportat ġewwa l-għassa tal-pulizija, Fgura. Concetta Grech sabiex tiġi mitkellma rigward dan ir-rapport. Din ġiet mogħtija d-dritt li tikkonsulta mal-avukat jew prokuratur legali tax-xelta tagħha u stqarret li ħa tagħmel kuntatt ma Dr. Josephine Mifsud Farrugia u li kienet ser tiġi mitkellma il-Ħadd 16 ta' Lulju, 2023.

Nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju, 2023 Concetta Grech irraportat sabiex tagħti l-verżjoni tagħha rigward dan ir-rapport. Concetta ġiet mistoqsija jekk nhar il-11 ta' Lulju, Joseph Grech kienx mar fejn il-bieb tal-kamra tagħha li jinsab fir-residenza Solitaire, Triq San Xmun, Fgura u staqsihiex sabiex jidħol hi stqarret "*Meta Joseph ghajjatli sabiex niftah il-bieb jien qatlu li ma ghandekx ghalfejn tidhol ghaliex hu ma jafx isewwi l-plakkek tal-kameras, kien hemm terga persuna li beda isewwi dawn.*"

Meta l-pulizija stqarret ma' Concetta jekk tixtieqx iżżid xi ħaġa ma' din l-istqarrija hi stqarret. "*Dawn ir-rapporti li qed jaghmel huma foloz ghax jien ma nghamillu xejn kul ma noqghod fil-kamra tal-imbarazz (Box room) u qed jaqtali l-ilma u d-dawl biex ma nahsilx bil-washing machine.*" Concetta ġiet infurmata li ser jinħarġu *charges* relattivi.

**Joseph Grech** xehed nhar it-13 ta' Novembru, 2023 u jgħid li nhar il-11 ta' Lulju, 2023 kien inqata' d-dawl kmieni filgħodu u mar jiċċekja u is-salvavita tiegħu bdiet tfaqqa kull darba u beda jiċċekja kamra kamra, plakka plakka u kullimkien kien sew. Imbagħad ħabbat il-bieb tal-boxroom biex jiċċekja l-plakka t'hemmhekk u martu l-appellant ħarġet theddu u ma ridieditux jidħol fil-kamra u mar jagħmel rapport l-għassa. Wara wasal it-tifel u kien hu li biddel il-plakka għaliex kienet miksura kif jidher fir-ritratt mmarkat bħala Dok JG1. Dan hu ritratt ta' socket minn wara kien imkisser u kien għalhekk li beda jinqata' id-dawl infatti it-tifel biddel il-plakka u kollox ġie sew. Qal li din il-plakka kienet fil-kamra tal-appellanti u ħadd ma jidħol

fiha apparti hi, tant li poġġiet katnazz biex tidħol fil-kamra. Huwa esebixxa ritratt ieħor li ġie mmarkat bħala Dok JG2. Ritratt tal-kamra li hija maqfula u jgħid li hemm żewġt il-kmamar oħra maqfula hekk fid-dar konjugali tagħhom.

Mistoqsi kif ġibed ir-rirtratti jekk ma setgħax jidħol jgħid li r-ritratti ħadhom wara li it-tifel biddel il-plakka, u taħ il-qadima li għadha għandu d-dar. Qal li martu ma ħallietux jidħol sabeix jara l-plakkek. Huwa rraporta li ma ħallietux jidħol fil-kamra u hedditu li jekk jidħol fil-kamra ittieh xeba ħadida, u saħansitra anke urietu l-ħadida. Huwa qed jinsisti li ma jibqax bil-katnazz fuq il-kamra in kwistjoni għaliex saħansitra fil-kamra tas-sodda tiegħu hija tidħol liberament. Qal li d-dar in kwistjoni għadha tat-tnejn. Jikkonferma li qabel ma sar dan ir-rapport il-katnazz ma kienx hemm, iżda l-kamra kienet tingħalaq biċ-ċavetta.

Illi dawn huma l-provi ta' din il-kawża.

Illi magħmula din il-konsiderazzjoni wieħed għandu biex jgħaddi għall-eżami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jagħmel analiżi tagħhom.

Illi bħala fatti jirriżultaw is-segwenti:

1.Illi nhar il-11 ta' Lulju 2023 l-kwerelant mar jirraporta li ġewwa daru u cioe' Solitaire Triq San Xmun Fgura mar id-dawl.

2. Illi l-kwerelant iċċekja l-plakkek kollha tad-dar salv għal dik li kienet fil-boxroom li qed tintuża mill-ex mara tiegħu l-appellanti.

3. Illi huwa mar biex jidħol f'din il-kamra u dan sabiex jara il-plakkek iżda martu ma tatux aċċess anzi qaltlu li jekk jidħol kienet ser ittih daqqa bil-ħadida.

4. Illi għalhekk wasal binhom u daħal fil-kamra u rriżulta li l-plakka li kien hemm ġewwa din il-kamra kellha xi problem u kellha tinbidel kif muri fir-ritratt eebit.

5. Ili una volta inbidlet din il-plakka id-dawl rritorna għan-normal u ma kienx hemm iktar problem bl-eletriku.

6. Il-kwerelanti jgħid ukoll li l-appellanti qabdet u poġġiet katnazz fuq il-bieb ta' din il-box room sabiex b'hekk ma ikollux aċċess għal dn il-kamra minkejja li d-dar għadha miżmuma in komuni.

Illi għalhekk l-unika akkuża li instab ħati tagħha l-appellant hija dik ta' raggion fattasi. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex tiddeskrivi l-elementi ta' raggion fattasi.

L-offiża tar-ragion fattasi dderivat fil-liġi tagħna mill-Artikolu 168 tal-Kodiċi Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiża ġiet klassifikata mill-leġislatur tagħna bħala waħda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u Amministrazzjonijiet oħra. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu fuq il-Liġi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offiżi kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja bħala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-ġurista Francesco Carrara[3] fil-ktieb tiegħu jiddefinixxi l-offiża tar-ragion fattasi bħala s-segwenti:

> *'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto opra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di*

[3] Volum V fil-Parti Specjali.

*sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawża **Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef**[4] din il-offiża ġiet deskritta bis-segwenti mod:

*'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (enfazi mizjuda)*

Minn hawn joħroġ biċ-ċar li l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali fl-eżami tal-imputazzjoni taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huma mgħobbija bl-eżami jekk il-privat u f'dan il-każ l-appellant użax l-awtorita' tiegħu innifsu flok ma rrikorra għand l-Awtoritajiet kompetenti.

Il-ġurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu fuq kwotat jelenka erbgħa (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab ħati għar-reat. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

*1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*

[4] Appell Kriminali numru: 232/2002 deciz nhar it-30 ta' Lulju 2004

*2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*

*3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*

*4. Mancanza di titolo piu grave.*

Dawn l-erba' elementi kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikros tal-appell tiegħu sostna li dawn ġew adottati fil-Qrati tagħna fosthom fil-kawżi **Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et,**[5] **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[6] u **Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo** [7] li huma s-segwenti:

*'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r- reat*

*ta' ragion fattasi huma: -*

*(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*

*(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*

*(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*

*(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi*[8].

[5] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell.
[6] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[7] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell
[8] Ara wkoll Il-Pulizija vs Anthony Zahra deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Gunju 2014. Ara wkoll fost ohrajn IlPulizija vs Mario Bezzina, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta millImhallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-imhallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u Il-Pulizija vs Eileen Said deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono u datata d-19 taz Gunju 2002.

**Att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-ħaddieħor.**

Fil-każ odjern irriżulta li l-appellanti poġġiet katnazz mal-bieb tal-box room li jinsab fid-dar li għandha in komuni mal-kwerelant u b'hekk b'din l-azzjoni pprivat lill-appellant mid-dħul liberu għal din il-kamra u b'hekk l-appellant li għandu kull dritt li jidħol f'din il-kamra ġie priv minn tali dritt. Konsegwentement din l-att reat kontra l-opposizjoni tal-kwerelant u konsegwentement dan l-element jirriżulta ben provat.

**<u>Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt.</u>**

Illi hawnhekk irid jiġi determinat x'intenzjoni kellha l-appellanti meta wettqet ir-reat u ċioe' l-intenzjoni li tieħu l-liġi b'idejha u dan biex teżerċita dritt li taħseb li għandha u ċioe li tieħu kamra għall-użu esklusiv tagħha mingħajr il-permess tal-ko-propretarju l-ieħor u cioe l-kwerelant. Hekk ingħad fis-sentenza **<u>Il-Pulizija -vs- Eileen Said</u>**:

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.*
>
> *Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu iddgawdija taghha."*[9]

Fil-każ in desamina jirriżulta li l-appellanti ma kellix dritt li tpoġġi katnazz u teskludi id-dritt ta' dħul lill-kwerelant u dan għaliex l-kwerelant kien qed igawdi minn dan l-istat ta' fatt bħala parti mid-dar li huwa għandu in komuni ma l-appellanti. Hawnhekk qegħdin fil-kamp penali u m'hemmx dubju li b'dak li għamlet l-appellanti din

[9] Deciz minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar id-19 ta' Gunju, 2002.

iddisturbat l-*istatus quo* tal-kwerelant. Għalhekk dan l-element jirriżulta wkoll ippruvat.

**Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika.**

Ma hemmx dubbju li l-appellanti qabel ma poġġiet l-katnazz ma ottjeniet l-ebda permess mingħand l-ko-propretarju l-ieħor u ċioe l-kwerelant u kienet taf li ma setgħetx tipprova lill-kwerelant mill-aċċess li huwa kellu għal din il-kamra li tinsab ġewwa d-dar li huwa għandu in komuni mal-appellanti.

Illi l-Artikolu 85 huwa intiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh, u għalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bħad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-*actio spolii* – huwa li tipproteġi l-*istatus quo*.[10] Dan ifisser illi l-appellanti unilaterlament biddel dan l-istatus quo tal-kwerelant ħesrem u b'mod illeġittmu.

**In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi[11]**

Illi minn eżami tax-xhieda mogħtija u tal-elementi preċedenti jirriżulta b'mod inekwivoku li l-offiża ma hi xejn għajr għal dik ta' ragion fattasi.

Għalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar l'fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korreta fil-ġudizzju tagħha meta sabet lill-appellanti ħati tal-akkuża kif addebitata fil-konfront tagħha.

Ovvjament huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana[12]** qalet hekk:

[10] Ara Il-Pulizija vs Jane Scicluna deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010.

[11]

[12]

*'…… kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li ġie mibdul unilateralment minn parti waħda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess tagħha qabel dak l-att spoljattiv……*

*Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni tagħha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:*

*"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'oħra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli.*

*L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jieħux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."*[13]*….*

L-appellanti kellha aggravju ukoll fuq il-piena imposta mill-ewwel Qorti għaliex fil-fehma tagħha kienet waħda eċċessiva. Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi Qorti ta' reviżjoni bħala regola, ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"[14].

[13] Ara Il-Pulizija vs Jane Scicluna deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010

[14] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deciza nhar il-25 ta' Awissu 2005

Illi, minn eżami akkurat tas-sentenza mpunjata, jirriżulta illi l-piena erogata kienet waħda legalment u ragonevolment valida u mhux eċċessiva anzi kienet fil-minimu tagħha consideranco li l-ewwel Qorti applikat conditional discharge għall-perjodu ta' xahar kuntrajament għal dak li qalet l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta din ġiet biex tikkalibra l-piena. Dan iwassal sabiex anke dan l-aggravju tal-appellanti jkun respint.

Din il-Qorti hi tal-fehema illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet *safe u satisfactory* għaliex il-provi miġjuba kienu biżżejjed sabiex joħolqu ness bejn l-appellanti u l-aġir kriminuż tagħha. A skans ta' ħafna repetizzjoni, il-Qorti żżomm bi sħiħ ma dak li diġa' qalet fl-aggravju preċidenti. Mhux l-ewwel darba li każijiet ta' dan it-tip ġew quddiem din il-Qorti u għalkemm f'dawn il-proċeduri toħroġ b'mod sfaċċat l-animozita' bejn l-appellant u l-parti leża u li ilha għaddeja għal ċertu żmien, fil-każ odjern kien l-appellant li fixkel lill-parti leża mit-tgawdija tal-użu tal-kamra fid-dar matrimonjali tagħhom. Għalhekk din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell mressaq mill-appellant.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor Imhallef